# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

# IMHALLEF

# ONOR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru. 611/2019 MH**

**HSBC Bank Malta plc**

**Vs**

**Daniel Apap ( karta tal-identita Nru 441690(M) u Florence Apap (Karta tal-Identita Nru 577489(M)**

**Illum, 10 ta' Lulju 2020**

**Il-Qorti:**

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-affidavit ta' Audrey Harrison.[1]

Jirriżulta illi l-konvenuti dak iż-żmien (konjugi) kienu ħadu self mingħand il-bank attur u wara pagamenti mensili waqgħu morużi fl-istess self.

[1] Folio 52

Anke ddepositaw somma ta €10,285 u għal xi żmien wara xi pagamenti ulterjuri, dana kollu wara li kienet ħarġetittra uffiċjali apposita.

Qalet li fuq l-ewwel self [2] il-bilanċ dovut kien ta' tmienja u ħamsin elf ħames mija u erbgħin Euro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€58,540,26) bħala kapital u erbat'elef u tlett euro u tlieta u għoxrin ċenteżmu.

Il-konvenuti ngħataw self ieħor[3]. Anke fuq dan waqgħu morużi. Il-bilanċ dovut huwa ta' tnejn u erbgħin elf, mija u tnejn u erbgħin euro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€42,142,99) bħala kapital u imgħaxijiet ulterjuri mis-26 ta' Frar, 2019.

Spiċċat billi qalghet li s-somma dovuta lil bank attur kienet ta' mija u sebat'elef, sitt mija u wieħed u tnejn u ħamsin ċenteżmu ( hemm żball fiċ-ċenteżmi fiċ-ċifri diġitali riprodotti) kif ukoll l-imghaxijiet li baqgħu jidekorru fuq l-istess.

Ġew presentat mill-Bank vera kopja tas-sanction letter[4] ukoll vera kopji taż-żewġ kuntratti tas-self.[5][6]

Għandu jiġi nnutat ukoll illi l-intimati/konvenuti ġew debitament notifikati bir-rikors u avviż tas-smiegħ imma baqgħu kontumaċi.

Dr Claudia Muscat ikkonfermat bil-ġuramentli l-flejjes kif suriferiti kapital u imgħaxijiet sal-llum għadhom dovuti.

---

[2] Dok A
[3] Dok D
[4] Dok A u Dok B
[5] Dok c u Dok D
[6] Dawn id-dokumenti jinsabu minn fol 57 sa 77

Il-Qorti tenut kont tal-kontumaċja tat il-fakolta lill-partijiet biex jippresentaw nota ta' sottomissjonijiet[7]. Ma saru ebda noti.

**Konsegwentament il-Qorti qegħda tilqa t-talbiet kif dedotti u tiddikjara illi:**

1. **L-konvenuti Daniel Apap u Florence Apap huma debituri solidali fil-konfront tal-Bank attur fis-somma ta' mija u sebat'elef, sitta mija u ewro u tmienja u ghoxrin ċenteżmu (€107,601,28) dovuta fuq żewġ kontijiet bin-numri 18077081 u 180877081 kif fuq spjegat;**
2. **Tikkundanna lill-istess konvenuti solidalment bejnithom iħallsu lill-Bank attur l-imsemmija somma ta' mija u sebat'elef, sitt mija u ewro u għoxrin ċenteżmu (€107,601,28) u dan oltre l-imgħaxijiet legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-istess somma mis-26 ta' Frar, 2019 sad-data tal-pagament effettiv a tenur tal-artikolu 1142 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.**
3. **Li l-konvenut Daniel Apap huwa wkoll debitur tal-Bank attur fis-somma ta' elf, mitejn u erbgħin ewro u sitta u tletin ċenteżmu (€1,240,36) dovuta fuq il-kont bin-numru 065-027286-050 kif fuq spjegat.**
4. **Tikkundanna lill-konvenut Daniel Apap iħallas ukoll lill-Bank attur l-imsemmija somma ta' elf, mitejn u erbgħin ewro u sitta u tletin ċenteżmu (€1,240,36) u dan oltre l-imgħaxijiet legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-istess somma mis-26 ta' Frar 2019 sad-data tal-pagament effettiv a tenur tal-artikolu 1142 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Spejjes a karigu tal-konvenuti in solidu bejniethom.**

---

[7] Folio 55 seduta 07/02/2020

**Onor. Miriam Hayman, LL.D.**

**Imhallef**

**Victor Deguara**
**Deputat Registratur**